# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru 2024**

**Numru 8**

**Rikors numru 353/2015/3 FDP**

**Sandro Falzon**
**v.**
**Ebenezer Attard**

**Il-Qorti,**

1. Il-partijiet partu żewġ vetturi, bi qbil li l-valur tagħhom kien indaqs. Xahrejn wara Sandro Falzon biegħ il-vettura BMW li kien akkwista bit-tpartit lil ċertu Karl Buhagiar. Buhagiar ħarrek lil Falzon għar-rexxissjoni tal-bejgħ billi l-vettura kellha difett moħbi. Il-Qorti ċaħdet talba ta' Attard biex jiġi msejjaħ fil-kawża; laqgħet it-talba ta' Buhagiar; sabet li Falzon

kien jaf bid-difett moħbi; u kkundannatu jħallas lura €17,400 sorte u €797.54 spejjeż; total ta' €18,197.54.

2. Sandro Falzon talab lill-Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi Ebenezer Attard fil-fatt qatt ma ħallas prezz għal-Honda S2000 lilu trasferita fl-2011 mir-rikorrenti.
>
> 2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi Ebenezer Attard huwa debitur ta' Sandro Falzon fis-somma ta' €17,400 bħala prezz tal-vettura Honda S2000 ittrasferita lilu fl-2011.
>
> 3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi Ebenezer Attard għandu jħallas lil Sandro Falzon is-somma ta' €797.54 kif ukoll l-ispejjeż li Sandro Falzon ġie kkundannat iħallas bis-saħħa ta' sentenza fl-ismijiet Karl Buhagiar vs Sandro Falzon (Rik. Gur. Nru 945/2011JPG) deċiża nhar il-15 ta' Jannar 2015.
>
> 4. Tillikwida s-somma pagabbli mill-intimat ai termini tat-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti."

3. Fl-1 ta' Lulju 2015 il-kawża tħalliet għall-provi u deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat, ossija l-preskrizzjoni *a tenur* tal-Artikolu 1431 (1) u (2) tal-Kap 16.

4. B'sentenza preliminari tal-1 ta' Marzu 2016, il-Qorti (diversament ippreseduta) laqgħet din l-eċċezzjoni u ddikjarat l-azzjoni ta' Sandro Falzon preskritta bit-trapass taż-żmien wara illi qieset l-azzjoni odjerna bħala azzjoni redibitorja.

5. Dik is-sentenza preliminari ġiet appellata u permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju 2021, ġie milqugħ l-appell u ċaħdet l-

ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, u l-atti ntbagħtu lura lill-Ewwel Qorti. Fl-20 ta' Frar 2023, l-intimat ippreżenta risposta ulterjuri tal-20 ta' Frar 2023, fejn eċċepixxa li l-azzjoni hija preskritta bil-mogħdija ta' sentejn skont l-Artikolu 1423 tal-Kap 16 (dwar it-tpartit).

6. B'sentenza tal-31 t'Ottubru 2023 l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni, ibbażata fuq Art. 1423 tal-Kodiċi Ċivili, billi din hi dwar il-garanzija tal-paċifiku pussess li mhix in kwistjoni fil-każ tal-lum. Imbagħad ċaħdet l-ewwel żewġ talbiet u laqgħet it-tielet, ir-raba' u l-ħames talba wara li rraġunat illi:

Dwar l-ewwel żewġ talbiet:

> "42. Jirriżulta illi, fil-kawża li rebaħ Karl Buhagiar kontra r-rikorrent odjern, Sandro Falzon, il-Qorti qalet hekk:
>
> > "Ill il-Qorti hija tal-fehma li dawn id-difetti kienu latenti u gravi, u l-mileage reali kien tali li ibiddel il-fehma ta' l-attur għal dak li jirrigwarda d-deċiżjoni tiegħu, li jew addirittura ma jixtrix il-vettura jew jekk jixtri l-vettura jixtriha ċertament għall-prezz ferm aktar baxx. Il-gravità hija ikkonstatata wkoll millespert tekniku li kkonfermat l-ħtieġa ta' spiża ta' €4,553.32 sabiex tiġi ripristinata il-magna tal-vettura in kwistjoni. Huwa kważi superfluwu li jingħad li d-difetti okkulti indikati aktar il fuq kienu pre-eżistenti u anteċedenti għall-bejgħ tal-vettura in kwistjoni.
> >
> > Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu l-elementi kollha neċessarji għall-azzjoni redhibitorja ai termini tal-artikolu 1429 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid illi f'każ ta' actio redhibitoria, jekk il-bejjiegħ ma kienx jaf bid-difetti latenti, il-bejjiegħ ikun obbligat li jrodd lura l-prezz lilu imħallas u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-bejgħ lix-xerrej.
> >
> > Mill-provi jirriżulta, illi l-attur ħallas lill-konvenut is-somma ta' sbatax-il elf u erba' mitt Ewro (€17,400) prezz tal-vetturi in kwistjoni. Infatti, tmint elef Ewro € 8000 tħallsu permezz ta' 'cheque', waqt li disat elef u erba' mitt ewro (€ 9,400) tħallsu fi flus kontanti. Dan l-ammont ma ġiex ikkontestat mill-konvenut.

> Illi a rigward l-ispejjeż in konnessjoni mal-bejgħ, din il-Qorti hija prekluża milli tillikwida kwalunkwe somma stante li l-attur ma ressaq ebda prova in konnessjoni mal-istess.
>
> L-attur fil-ħames talba tiegħu, talab għad-danni minnu sofferti konsegwenti għall-każ in eżami, stante li l-konvenut kien jaf bid-difetti in kwistjoni.
>
> Il-Qorti għandha konvinċiment morali, li l-konvenut kien jaf bid-difetti okkulti fuq indikati, il-għaliex kien irreklama l-vettura in kwistjoni bħala vettura li kellha sid wieħed meta l-konvenut kien jaf li kien xtara vettura diġa second hand, inoltre` huwa reklam għall-vettura b'BMW service history' meta bħala stat ta' fatt dan il-history qatt ma ġie kkonsenjat lill-attur."

43. Jirriżulta illi, abbażi ta' tali sentenza, ir-rikorrent ipproċeda biex jistwixxi l-proċeduri odjerni, fejn huwa indika li l-Qorti kienet ddikjarat il-vettura ta' l-intimat bħala 'bla valur', u għalhekk, talab li jitħallas is-somma ta' €17,400, li kien il-valur tal-vettura fliskambju, kif ukoll tal-ispejjeż imposti lilu fil-kawża 945/2011 li għamel kontrih b'suċċess Karl Buhagiar.

44. Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservax illi, ma huwiex minnu illi l-vettura hija bla valur, kif jindika r-rikorrent.

45. Jirriżulta, di fatti, kif indikat aktar il-fuq, illi l-vettura li l-partijiet kienu ftehmu li tiswa €17,400 fil-mument illi sar it-tpartit, kellha ssirilha varji xogħolijiet ta' riparazzjoni u fuqha, li b'kollox jammontaw għal €4,553.32.

46. Dak ifisser, allura illi, kuntrarjament għal dak indikat mir-rikorrent, il-vettura ma hijiex mingħajr valur, iżda għandha ssirilha xi xogħolijiet biex tkun tista' tiġi riparata, u tkun vijabbli mill-ġdid.

47. Issa, fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex jiġi dikjarat li l-intimat qatt ma ħallas prezz. Dwar in-natura tat-transazzjoni bejn il-partijiet, ossija dak ta' tpartit, l-artikolu 1485 (1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li:

> "It-tpartit hu kuntratt li bih il-partijiet jobbligaw ruħhom li jagħtu lil xulxin ħaġa li ma tkunx flus."

48. Kif ukoll l-artikolu 1486(2) tal-Kodiċi Ċivili jgħid:

> "Jekk is-somma ta' flus li wieħed mill-partijiet intrabat li tħallas, tkun taqbeż il-valur tal-ħaġa li dik il-parti tintrabat li tagħti, il-kuntratt jitqies bħala xiri u bejgħ għall-ħwejjeġ kollha illi l-partijiet ikunu ntrabtu li jagħtu lil xulxin."

49. Fil-każ odjern, jidher ċar illi ż-żewġ partijiet qablu illi l-prezz taż-żewġ vetturi kellu jkun ta' €17,400.

50. Għaldaqstant, għandu jirriżulta wkoll illi, a differenza ta' dak allegat mir-rikorrent, stante illi t-transazzjoni bejn il-partijiet kien wieħed ċarament ta' tpartit, ebda somma ma tħallset mhux għax, kif jikkontendi r-rikorrent, l-intimat ma ħallasx dak minnu dovut, iżda għax il-partijiet ftehmu illi jpartu fuq valuri identiċi żewġ vetturi flok ma jħallsu għall-valur tagħhom.

51. Għalhekk, ma jistax jiġi dikjarat mill-Qorti li ebda somma ma tħallset, peress illi nnatura tat-transazzjoni kienet, min-natura tagħha, tirrikjedi illi ma jsir ebda ħlas.

52. Dan naturalment ifisser illi lanqas it-tieni talba tar-rikorrenti ma tista' tintlaqa', peress illi ma huwiex minnu li l-intimat huwa debitur tar-rikorrent fis-somma ta' €17,400, ossija il-valur tal-vettura BMW illi l-intimat kien partat mar-rikorrent."

Dwar it-talbiet l-oħrajn:

"53. Mill-banda l-oħra, it-tielet talba timmerita illi tiġi kkunsidrata favorevolment.

54. Dana qiegħed jingħad, għax <u>il-Qorti tifhem li, riżultat ta' difett latenti li kien hemm filvettura ta' l-intimat, l-istess rikorrent spiċċa sofra spejjeż ulterjuri riżultat ta' azzjoni legali meħuda kontra tiegħu.</u>

55. Jirriżulta illi <u>d-danni</u> sofferti mir-rikorrent riżultat ta' tali azzjoni, kienu jammontaw għal <u>€797.54 flimkien</u> mal-ispejjeż kollha, kemm tiegħu kif ukoll dawk ta' Karl Buhagiar, kif indikati fis-sentenza tal-Prim Awla Ċitazzjoni Nru 945/2011 deċiża fil15 ta' Jannar 2015.

56. Jirriżulta ċar illi, permezz tal-azzjoni odjerna, ir-rikorrent qiegħed jittenta jirkupra ddanni minnu sofferti riżultat tal-problemi illi nstabu fil-vettura tar-rikorrent. Mill-banda l-oħra, għal raġunijiet illi jafhom biss ir-rikorrent, l-istess rikorrent <u>naqas milli jitlob għall-ħlas tad-danni</u> minnu inkorsi, jew li jista' jinkorri, <u>sabiex jirranġa l-vettura</u>, u minflok talab li jintradd lura lilu l-valur tal-vettura kollha meta, attwalment, ma huwiex minnu illi l-vettura hija bla valur.

57. La darba l-uniċi danni illi jirriżultaw fit-talbiet rikorrenti, jirrigwardaw dawk pertinenti għas-somma indikata bħala danni fil-każ 945/2011 kif ukoll l-ispejjeż, din il-Qorti ma tistax tmur oltre hija u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent.

58. Jirriżulta wkoll illi, filwaqt li r-rikorrent naqas milli jippreżenta kopja tat-taxxa uffiċjali tal-ispejjeż, il-proċess tal-kawża 945/11 JPG ġie allegat mal-atti tal-proċeduri odjerni, u minn hemm jirriżulta illi l-<u>ispejjeż kollha legali ta' Karl Buhagiar</u> jammontaw għal <u>€4,141.64</u> filwaqt illi <u>dawk tiegħu</u>

> jammontaw għal €2,498.04, u għalhekk it-total talispejjeż inkorsi mir-rikorrent fil-kawża 945/11 huwa ta' €6,639.68.
>
> 59. Għalhekk, għandu jirriżulta mill-provi illi l-intimat Attard għandu jħallas lir-rikorrent is-somma ta' €797.54 flimkien ma' €6,639.68, li flimkien jagħmlu total ta' €7,437.22."

7. Kemm l-attur kif ukoll il-konvenut ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u appellaw minnha permezz ta' appelli separati. L-attur qiegħed jitlob li jintlaqgħu wkoll l-ewwel u t-tieni talba. Il-konvenut qiegħed jitlob li tintlaqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni u jiġu miċħuda wkoll l-ewwel żewġ talbiet tal-attur.

8. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-attur jattakka l-Ewwel Qorti fejn sabet li l-karozza kellha ċertu valur. Isostni li l-fatt li ma kienet tiswa xejn ġie stabbilit nhar il-15 ta' Jannar 2015 fis-sentenza fl-ismijiet ***Karl Buhagiar vs Sandro Falzon***, ippreseduta mill-Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima, fejn dik il-Qorti ordnat ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura mertu tal-kawża u ordnat lil Sandro Falzon iħallas lil Kurt Buhagiar il-prezz tal-vettura li kien irċieva preċedentament. Jisħaq li l-proċess ta' din l-kawża jikkostitwixxi prova fil-kawża *de quo* billi l-atti tagħha ġew allegati bħala parti mill-provi tal-partijiet.

9. Barra minn hekk, l-attur jistrieħ fuq sett ta' ritratti li ħa meta mar jiġbor il-karozza mill-garaxx ta' Karl Buhagiar, bil-magna maqlugħa u miġbura fil-kaxxi u skontu fi stat tali li ma setgħetx terġa' tintrama'.

10. Min-naħa l-oħra, id-doljanza fir-rikors tal-appell tal-konvenut tikkonsisti f'dawn l-aggravji:

**L-ewwel aggravju:**

11. Jgħid li hu qatt ma ssottometta li din hija kwistjoni ta' garanzija ta' paċifiku pussess kif sabet l-Ewwel Qorti imma li f'għadd ta' sentenza t-terminu dekadenzjali ta' sentejn għall-azzjoni għall-garanzija minħabba evizzjoni li jinstab fl-istitut tal-bejgħ (Art. 1423) jestendi għall-kuntratt ta' tpartit. Dan it-terminu ta' sentejn għadda għaliex jibda jgħodd minn meta l-akkwirent seta' jkun jaf bid-difett moħbi u l-Qorti, bis-sentenza tas-27.05.2015 iddikjarat li meta biegħ Sandro Falzon kien jaf bid-difett. Għalhekk l-eċċezzjoni ulterjuri għandha tintlaqa'.

**It-tieni aggravju:**

12. Il-konvenut isostni li l-aħħar talbiet huma konsegwenzjali għall-ewwel żewġ talbiet u għalhekk l-Ewwel Qorti messha ċaħdithom ukoll. Hija akkordat id-danni minħabba difett latenti minkejja li l-Qorti tal-Appell qalet li l-kawża hi dwar tpartit. Ma tistax daqqa tgħid li l-kawża hi dwar tpartit u daqqa dwar difett latenti. Lanqas tista' tiddeċiedi fuq kawżali differenti minn dik imressqa fir-rikors promotur. Dak li ddeċidiet il-kawża l-oħra hi *res inter alios acta* għall-konvenut.

**It-tielet aggravju:**

13. Il-konvenut jgħid li dejjem mexa *in bona fede*. Ma kienx jaf li l-karozza kellha iktar *mileage* meta xtraha mingħand id-*dealer*; jew li kienet difettuża. Kieku kien jaf ma kienx sejjer jixtriha bil-prezz ta' €18,900.

**Ikkunsidrat:**

L-ewwel aggravju tal-konvenut:

14. Fir-risposta ġuramentata tiegħu, Ebenezer Attard, eċċepixxa l-preskrizzjoni skont l-Art. 1431(1) u (2) wara li kkonkluda li l-azzjoni hija bbażata fuq difett latenti.

15. L-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha tal-1 ta' Marzu 2016 iddeċidiet li kienet x'kienet id-diċitura fir-rikors ġuramentat, l-azzjoni kellha l-ingridjenti tal-azzjoni redibitorja. Iċċitat ġurisprudenza li skontha f'każ ta' evizzjoni jew difett moħbi l-uniċi azzjonijiet li jistgħu jsiru mix-xerrej huma dawk ikkontemplati fl-istitut tal-bejgħ. Iċċitat Art. 1493 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li safejn m'hemmx regoli speċjali dwar il-kuntatt tat-tpartit, japplikaw ir-regoli tal-kuntratt tal-bejgħ. Tgħid li għadd ta' sentenzi estendew għat-tpartit it-terminu dekadenzjali (Art. 1423 tal-istess Kodiċi) għall-azzjoni ta' garanzija minħabba evizzjoni u għalhekk irraġunat li setgħet tagħmel l-

istess rigward id-difett moħbi. Sabet li l-azzjoni kienet preskritta a tenur tal-Art. 1431(1) tal-imsemmi Kodiċi.

16. L-attur appella mis-sentenza. Din il-Qorti, b'sentenza tas-26 ta' Mejju 2021, ma qablitx mal-Ewwel Qorti li l-azzjoni hija dik redibitorja, għaliex Falzon ma talabx li jinħall it-tpartit. Qalet speċifikatament li ma kinitx sejra tikkunsidra jekk hemmx konsegwenza għall-fatt li l-azzjoni mhix dik redibitorja. Għalhekk ħassret is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2016; ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni; u bagħtet lura l-atti lejn l-Ewwel Qorti biex tissokta bis-smigħ tal-kawża. Id-dikjarazzjoni li l-azzjoni ta' Falzon mhix dik redibitorja issa tikkostitwixxi ġudikat.

17. L-Ewwel Qorti, bis-sentenza tagħha tal-31 t'Ottubru 2023 ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni bbażata fuq Art. 1423 (azzjoni għall-garanzija minħabba evizzjoni). Hija straħet fuq dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tas-26 ta' Mejju 2021, li Falzon mhuwiex ifittex biex iħoll bejgħ jew inaqqas il-prezz. Din il-Qorti tqis li s-sentenza tas-26 ta' Mejju 2021 kienet qiegħda tirreferi għall-azzjoni dwar difett moħbi, u mhux ukoll għall-azzjoni dwar garanzija tal-paċifiku pussess.

18. F'din l-aħħar azzjoni, b'differenza mill-azzjoni minħabba difett moħbi, m'hemmx għalfejn jintalab ukoll it-tħassir tal-bejgħ. Dan joħroġ ċar mill-Art. 1413. Hekk ukoll m'hemmx għalfejn tintalab ir-riduzzjoni fil-

prezz. Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-Ewwel Qorti. B'danakollu, xorta waħda taqbel mal-konklużjoni tagħha li l-azzjoni mhix waħda bbażata fuq il-garanzija ta' paċifiku pussess; iżda għal raġunijiet differenti. Dan għaliex Falzon ma sofra l-ebda att evizzjonali. L-akkwist tiegħu ma ġiex impedit jew miġjub fix-xejn minħabba li xi terz ivvanta xi dritt fuq il-karozza.

19. L-ewwel aggravju tal-konvenut Ebenezer Attard huwa miċħud.

It-tieni u t-tielet aggravji tal-konvenut:

20. Din il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut li t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet huma dipendenti fuq l-ewwel żewġ talbiet. Bl-ewwel żewġ talbiet l-attur talab lura l-valur sħiħ tal-karozza li partat mal-konvenut. Bit-talbiet l-oħrajn talab li jitħallas lura l-ispejjeż li ġie kkundanat iħallas bis-sentenza in segwitu tal-kawża li għamillu Karl Buhagiar. Fi kliem ieħor qiegħed jitlob il-ħlas ta' wħud mid-danni li jallega li sofra.

21. Illum il-ġurnata, hemm ġurisprudenza, kuntrarja għal sentenzi preċedenti, li żżomm illi bejjiegħ li jikser l-obbligi kuntrattwali tiegħu huwa passibbli għall-azzjoni ġenerali għad-danni *ai termini* tal-Artikolu 1125 u mhux biss għas-sanzjonijiet imsemmija fl-istitut tal-bejgħ tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk l-azzjoni tal-attur hija waħda valida.

22. Fir-risposta ġuramentata, il-konvenut jeċċepixxi li hu ma kienx parti fil-kawża 945/2011 u għalhekk din ma tistax tagħmel stat kontra tiegħu (Art. 237 tal-Kap. 12). Jerġa' jenfasizza din id-difiża permezz ta' dan l-aggravju. Din il-Qorti taqbel miegħu.

23. Għalkemm qiegħed jopponi għas-sentenza, il-konvenut mhuwiex qiegħed ukoll jikkwerela l-kontenut tal-proċess. Fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2021, l-avukat tal-attur informa lill-Ewwel Qorti li "jidhirlu" li ġew annessi l-atti tal-kawża 945/2011 **li hija parti mill-mertu tal-kawża odjerna**. L-avukat tal-konvenut ma kienx preżenti għal din is-seduta. Il-Qorti ordnat *seduta stante* lir-Reġistratur jannetti l-proċess. Fis-seduta ta' wara, miżmuma fit-22 ta' Frar 2022, l-avukat tal-konvenut kien preżenti. Il-Qorti osservat li fil-mori tad-differiment kienu ġew allegati l-atti tal-proċess imsemmi. Ebda oppożizzjoni ma saret għal din l-allegazzjoni. Li jfisser li ġiet taċitament aċċettata. Il-konvenut seta' oppona għaliha iżda m'għamel xejn minn dan. L-allegazzjoni tal-proċessi ta' kawżi oħrajn mhijiex formalment irregolata fil-kodiċi ta' proċedura, u hija bbażata fuq prassi antika tal-foro. Fil-prattika, l-allegazzjoni ssir biex il-partijiet ikunu jistgħu jirreferu għad-dokumenti, dokumenti, u x-xhieda, inklużi r-rapport tal-espert, li jiffurmaw parti minnu. Dawn jikkostitwixxu prova fit-tieni kawża. Prova li kull parti li jidhrilha li tkun preġudikata minnha tista' ġġib prova kuntrarja; tassoġġetta x-xhud għall-kontroeżami;

il-perit ġudizzjarju għall-eskussjoni. Il-konvenut m'utilizzax din l-għodda disponibbli għalih.

24. Għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet tutilizza r-rapport tal-perit tekniku maħtur fl-ewwel kawża biex tillikwida d-danni fis-somma ta' €4,553.32 meħtieġa biex il-vettura tiġi msewwija – li kieku talab dan it-tip ta' danni. Ħaġa, li, kif sewwa rrimarkat l-Ewwel Qorti, naqas milli jagħmel.

25. Dak li ma setgħetx tagħmel huwa li tistrieħ fuq is-sentenza. L-ispejjeż ġudizzjarji allokati lill-attur odjern (konvenut f'dik il-kawża) huma parti mis-sentenza. Dawn jammontaw għal €6,639.68. Billi għall-konvenut odjern din il-kawża hija *res inter alios acta*, hekk ukoll huma dawn l-ispejjeż. Dwar is-somma ta' €797.64, dawn kienu danni li l-attur odjern ġie kkundannat iħallas għaliex il-Qorti sabet li kien *in mala fede*. Ta' dan, ċertament ma jaħti xejn il-konvenut odjern.

26. It-tieni aggravju huwa milqugħ *in parte*; it-tielet aggravju huwa milqugħ kollu kemm hu.

***Decide***

27. Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda:

(i) Tiċħad l-appell tal-attur.

(ii) Tilqa' l-appell tal-konvenut.

(iii) Tbiddel is-sentenza tal-Ewwel Qorti, tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni għalkemm għal raġunijiet differenti minn dik tal-Ewwel Qorti; tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel żewġ talbiet; tħassarha fejn laqgħet it-talbiet l-oħrajn u minflok tiċħad ukoll it-talbiet l-oħrajn.

Spejjeż tal-ewwel istanza u tal-appell tal-attur a karigu tal-attur. Spejjeż tal-appell tal-konvenut nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |
| --- | --- | --- |

Deputat Reġistratur
ss